

Brussell, 15 ta' April 2021
(OR. en)

7862/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0102(BUD)**

FIN 284

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 270 final
Suġġett:	Abbozz ta' baġit emendatorju nru 3 tal-baġit ġenerali tal-2021 Id-dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 270 final.

Mehmuż: COM(2021) 270 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.4.2021
COM(2021) 270 final

2021/0102 (BUD)

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 3
TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2021**

ID-DĦUL TAS-SURPLUS TAS-SENA FINANZJARJA 2020

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...) ¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 u l-Artikolu 44 (1) (a) tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, kif adottat fit-18 ta' Diċembru 2020 ²,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju N^{ru} 1/2021 ³, adottat fit-22 ta' Jannar 2021,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju N^{ru} 2/2021 ⁴, adottat fl-24 ta' Marzu 2021,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3 tal-baġit tal-2021.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Indivdwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex(<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>).

¹ ĠU L 193, 30.7.2018.

² ĠU L 93, 17.3.2021.

³ COM(2021) 30 final.

⁴ COM(2021) 200 final.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3/2021 huwa maħsub li jdaħħal is-surplus li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena 2020 fil-baġit tal-2021. Kif previst fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni⁵ ("Ir-Regolament Finanzjarju"), is-surplus huwa l-uniku suġġett ta' dan l-ABE u jrid jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji fl-aħħar ta' Marzu 2021.

1. L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2020 turi surplus ta' EUR 1 768 617 610, li huwa għalhekk imdaħħal bħala dħul fil-baġit tal-2021.

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2020	
Surplus tad-Dħul	1 647 317 114
Surplus tan-Nefqa	121 300 497
Surplus totali	1 768 617 610

2. L-ibbaġitjar tas-surplus se jnaqqas il-kontribuzzjoni totali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-baġit tal-2021 kif dovut. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri se jkunu influwenzati wkoll mit-tbassir rivedut tar-riżorsi proprji li se jkun disponibbli wara l-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji aktar tard fl-2021 u se jiġu inklużi f'Abbozz ta' Baġit Emendatorju sussegwenti skont l-Artikolu 44(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju.
3. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta tqassim tal-eżitu tal-2020 f'termini tal-implimentazzjoni tad-dħul:

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2020	Baġit tal-2020 (inkl. BE1-9)	Eżitu	Varjazzjoni
Subtotal tad-Dħul	164 108 041 747	165 755 358 861	1 647 317 114
— Titolu 1 - Riżorsi proprji	159 831 817 731	160 141 480 962	309 663 231
<i>Imposti u dazji oħra fis-settur taz-zokkor</i>	0	858	858
<i>Dazji doganali</i>	18 507 300 000	19 866 544 097	1 359 244 097
<i>Riżorsi proprji ġejjin mill-VAT</i>	17 344 303 050	17 191 081 738	-153 221 312
<i>Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING</i>	123 980 214 681	122 944 280 683	-1 035 933 998
<i>Korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit mogħtija lir-Renju Unit</i>	0	147 188 637	147 188 637
<i>Tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING konċess lil xi SM</i>	0	-7 615 050	-7 615 050
— Titolu 3 - Surpluses, bilanċi u aġġustamenti	2 101 773 955	3 166 819 181	1 065 045 226
— Titolu 4 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjonijiet	1 651 322 700	1 615 079 910	-36 242 790
— Titolu 5 - Operat amministrattiv tal-istituzzjonijiet	15 050 000	23 804 343	8 754 343
— Titolu 6 - Rifuzzjonijiet konnessi ma' ftehimiet u programmi tal-Unjoni	130 000 000	173 311 140	43 311 140
— Titolu 7 - Imgħax dwar arretrati u multi	361 000 000	628 994 739	267 994 739
— Titolu 8 - Operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self	2 076 361	0	-2 076 361
— Titolu 9 - Mixxellanji	15 001 000	5 868 587	-9 132 413

4. Il-varjazzjonijiet netti kkombinati fit-Titolu 1 (*Riżorsi Proprji*) u fit-Titolu 3 (*Surpluses, bilanċi u aġġustamenti*) jammontaw għal EUR 1 375 miljun. L-ammont addizzjonali bbaġitjat għad-differenzi fir-rati tal-kambju (taħt it-titolu 3) bejn wiehded u ieħor ikopri n-nuqqas fir-riżorsi proprji tal-VAT u tal-ING taħt it-titolu 1. Għalhekk, is-surplus huwa xprunat l-aktar minn għbir oġġla milli mistenni ta' dazji doganali.
5. Il-varjazzjonijiet fit-Titolu 7 (*Imgħax ta' inadempjenza u multi*) jammontaw għal EUR 268 miljun, li jinkludu multi tal-kompetizzjoni u mgħax ta' inadempjenza, pagamenti ta' penali oħra u mgħax marbut ma' multi u pagamenti ta' penali.

⁵ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

6. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta t-tqassim tal-eżitu tal-2020 f'termini tal-implimentazzjoni baġitarja tan-nefqa għall-istituzzjonijiet kollha:

(f'EUR)

Tqassim tal-eżitu tal-2020	Baġit tal-2020 (inkl. BE1-9)	Eżitu	Varjazzjoni
Subtotal tan-Nefqa	164 108 041 747	163 986 741 250	-121 300 497
Appropriazzjonijiet tal-eżitu awtorizzati fil-baġit	164 108 041 747	163 886 682 092	-221 359 655
— Il-Kummissjoni Ewropea	159 882 839 662	159 781 861 767	-100 977 895
<i>Intestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi</i>	21 753 198 170	21 733 892 007	-19 306 164
<i>Intestatura 1b - Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali</i>	55 525 172 813	55 523 775 848	-1 396 964
<i>Intestatura 2 - Tkabbir sostenibbli: Riżorsi naturali</i>	58 771 501 095	58 762 251 051	-9 250 044
<i>Intestatura 3 - Sigurtà u Ċittadinanza</i>	6 292 509 342	6 287 474 663	-5 034 679
<i>Intestatura 4 – Ewropa Globali</i>	10 386 029 342	10 381 984 160	-4 045 183
<i>Intestatura 5 - Amministrazzjoni</i>	6 048 265 458	5 986 565 846	-61 699 612
<i>Strumenti speċjali oħra</i>	1 106 163 442	1 105 918 193	-245 249
— Istituzzjonijiet oħra	4 225 202 085	4 104 820 324	-120 381 761
<i>Il-Parlament Ewropew</i>	2 038 745 000	2 021 452 993	-17 292 007
<i>Il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew</i>	590 633 000	550 168 962	-40 464 038
<i>Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea</i>	436 637 500	432 086 272	-4 551 228
<i>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri</i>	152 237 000	145 698 138	-6 538 862
<i>Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew</i>	142 539 393	130 862 193	-11 677 200
<i>Il-Kumitat tar-Reġjuni</i>	101 508 480	94 131 888	-7 376 592
<i>L-Ombudsman Ewropew</i>	12 348 231	11 719 664	-628 567
<i>Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data</i>	19 476 998	14 211 719	-5 265 279
<i>Is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna</i>	731 076 483	704 488 497	-26 587 986
Kanċellament ta' appropriazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti	0	-107 353 808	-107 353 808
— Il-Kummissjoni Ewropea	0	-55 438 590	-55 438 590
<i>Kanċellament ta' appropriazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (b'mod awtomatiku)</i>	0	-49 454 817	-49 454 817
<i>Kanċellament ta' appropriazzjonijiet mhux użati ittrasferiti 'l quddiem mis-snin preċedenti (permezz ta' deċiżjoni)</i>	0	-5 983 773	-5 983 773
— Istituzzjonijiet oħra	0	-51 915 219	-51 915 219
<i>Il-Parlament Ewropew</i>	0	-27 285 399	-27 285 399
<i>Il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew</i>	0	-7 167 827	-7 167 827
<i>Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea</i>	0	-3 736 777	-3 736 777
<i>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri</i>	0	-505 461	-505 461
<i>Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew</i>	0	-932 521	-932 521
<i>Il-Kumitat tar-Reġjuni</i>	0	-909 075	-909 075
<i>L-Ombudsman Ewropew</i>	0	-84 603	-84 603
<i>Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data</i>	0	-212 892	-212 892
<i>Is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna</i>	0	-11 080 664	-11 080 664
Varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju fuq in-nefqa	0	207 412 967	207 412 967

7. Il-Kummissjoni implimentat 99,9 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament awtorizzati. L-ammont mhux implimentat kien ta' EUR 101 miljun, li minnhom EUR 62 miljun taħt l-Intestatura 5 - Amministrazzjoni li hija attribwibbli għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali prevalenti fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19, li kellhom impatt dirett fuq l-għadd ta' missjonijiet, laqgħat, traineeships u reklutaġġi.
8. Is-sottoimplimentazzjoni tal-istituzzjonijiet l-oħra ta' EUR 120 miljun hija kemxejn oġġla milli kienet fl-2019 (EUR 82 miljun).